**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**kontra**

**ALI MOHAMMED HASSAN**
**(ID No. 46834(A))**

Kaz Nru: 63/16

**Illum il-15 ta' Dicembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta' **Ali Mohammed Hassan** iben Ali Mohammed u Fathia nee' Abdalla, mwieled il-Palestina nhar l-10 ta' Ottubru 1984 u detentur tal-karta tal-identita' 46834(A) akkuzat talli fid-9 ta' Dicembru 2014 ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar, fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u/jew f'dawn il-gzejjer,

1. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha u dan bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Bhala vizitatur fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtorita' legittima, dahhalt jew ippruvajt iddahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs, u cioe' fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, oggett ikun li jkun li hu specifikament medicina perikoluza (pjanta tal-Cannabis) liema oggett huwa projbit u dan bi ksur tal-artikolu 7(1), (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regolamenti maghmula taht l-istess ligi;

3. Sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti kollha processwali;

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawzi u Doveri data it-28 ta' Lulju 2021;

Rat li fl-udjenza tal-4 t'April 2022 il-partijiet ezentaw lil din il-Qorti hekk kif preseduta mis-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti diversament ippreseduta;

Semghet is-sottomissjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jirrizulta li nhar id-9 ta' Dicembru 2014, l-imputat ma izur lill-martu, Miriam Caruana, li dak iz-zmien kienet detenuta fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Qabel ma dahal ghal vizta l-imputat gie mitlub ihalli l-arlogg tal-idejn gewwa locker u hekk kif kien qed inehhi l-istess arlogg, l-ufficjali gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin nnotaw li l-imputat waqghalu xi haga mal-art hekk kif nehha l-arlogg li huwa mmedjatament mar jigbor. Konsegentament, l-ufficjali ghamlu tfittxija fuq il-persuna tal-imputat fejn mill-pussess tieghu giet elevata sustanza suspettata pjanta tal-kannabis. Il-pulizija gew infurmati li min-naha taghhom talbu lill-Magistrat Inkwerenti tiftah inkjesta rigward din is-sejba. L-imsemmija sustanza giet analizzata mix-xjenzat Godwin Sammut mahtur bhala espert mill-Magistrat Inkwerenti ghal dan l-iskop. Huwa kkonkluda s-segwenti:

> *"Illi fl-estratt mehud mill-haxix ta' lewn hadra li hemm fid-dokument 068_15_01, nstabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol, li hija sustanza li tigi mill-pjanta tal-Kannabis. Il-piz totali tas-sustanza kien ta' 0.15 grammi. Il-purita ma setax issir minhabba li kien hemm kwantita zghira. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi*

*taht Taqsima III, Sezzjoni 8, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*[1]

Hekk kif kellu kull dritt li jaghmel, il-qua imputat, ipprevalixxa ruhu mid-dritt tas-silenzju u ghazel li ma jressaq l-ebda prova.

Ghal kull bon fini, jigi ddikjarat li fil-kors tal-investigazzjonijiet in konnessjoni mal-imputazzjonijiet odjerni, l-qua imputat irrillaxxa stqarrija lill-pulizija. Din l-istqarrija ttiehdet mill-ispettur Spiridione Zammit nhar id-9 ta' Dicembru 2014 fil-prezenza ta' PC1267 A. Polidano. Hassan ghazel li jiffirma l-istess stqarrija. Din l-istqarrija ttiehdet wara li Hassan ghazel li ma jikkonsultax ma avukat jew prokuratur legali ta' fiducja tieghu, u wara li nghata informazzjoni sufficjenti dwar id-dritt tas-silenzju. Ta' min jghid ukoll li dak iz-zmien, fis-sena 2014, id-dritt tal-assistenza legali kien limitat biss ghal siegha qabel jibda l-interrogatorju u li konsegwentament ma jirrizultax li l-imputat gie mghoti d-dritt li jkun assistit minn avukat jew prokuratur legali ta' fiducja tieghu waqt il-kors tal-istqarrija. Mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm ragunijiet impellenti l-ghaliex l-imputat ma giex mghoti d-dritt ghall-assistenza legali waqt l-istqarrija. Minn qari tal-istess stqarrija jirrizulta li l-imputat inkrimina ruhu rigward l imputazzjonijiet migjuba. Minn analizi tal-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa ghandu diversi kundanni. Jirrizulta ukoll li l-istess stqarrija ma hijiex l-unika prova tal-prosekuzzjoni fil-konfront tal-qua imputata. Din il-Qorti, qieset il-principji stabbiliti fl-insenjament mghoti fil-kaz **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, u l-principji stabbiliti ricentament permezz tas-sentenzi mghotija mill-Qrati ta' gurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[2]. Fic-cirkostanzi msemmija hawn fuq, u fid-dawl tal-insenjament rigwardanti din il-materja, bil-ghan li ma jigux mittiefsa d-drittijiet tal-imputat, din il-Qorti xorta ser tghaddi sabiex tiskarta l-istqarrija tal-imputat fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar ir-reita o meno tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

Permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-qua imputat qed jigi mixli li kien fil-pussess tal-pjanta tal-kannabis gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Mill-provi mressqa jirrizulta b'mod car li l-qua imputat kien mar gewwa l-habs bil-ghan li jzur lill-martu li dak iz-zmien kienet detenuta hemm hekk. Hekk kif Hassan dahal fl-area fejn isiru s-searches, huwa ntalab minn Anthony Robert Ebejer (wiehed

---

[1] Fol. 27 tal-atti processwali.

[2] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022) u Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022).

mill-ufficjali) sabiex inehhi l-arlogg tal-idejn u jitfu fil-locker sabiex tkun tista' ssir il-body search. Kif ezatt Hassan nehha l-arlogg Ebejer innota li waqghet xi haga. Staqsieh immedjatament x'kienet u f'dawk il-mumenti l-qua imputat ippanikja. Ebejer min-naha tieghu talab ghall-assistenza ta' iktar ufficjali. Jghid li l-oggett li waqghalu gie mghoddi lill-pulizija. Meta Ebejer gie mitlub jidentifika lill-qua imputat huwa ma setghax jaghmel dan l-ghaliex kienu ghaddew diversi snin mill-akkadut. Madanakollu l-identifikazzjoni tal-qua imputat ma hijiex ikkontestata galadarba dak il-hin stess huwa gie arrestat mill-pulizija. Meta din is-sutanza giet analizata fl-iter tal-inkjesta magisterjali, l-espert mahtur ghal dan l-iskop, ix-xjenzat Godwin Sammut ikkonferma li s-sustanza li kienet fil-pussess tal-qua imputat kienet estratt mill-pjanta kannabis. Kosegwentament l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-qua imputat tirrizulta sodisfacentament ippruvata.

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni, Hassan jinsab akkuzat li dahhal oggett projbit fil-konfini tal-habs. Illi hekk kif inghad iktar 'il fuq Hassan instab fil-pussess tal-pjanta Cannabis hekk kif mar izur lill-martu gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Il-pjanta tal-Cannabis hija indubbjament oggett projbit. Ma hemm lanqas l-ebda dubbju li l-qua imputat instab fil-pussess tal-imsemmija sustanza hekk kif huwa dahal minn barra biex izur lill-martu gewwa l-habs u li l-mument li huwa nstab fil-pussess tal-istess sustanza kienet f'kamra fejn isiru tfittxijiet u ghaldaqstant fil-konfini tal-habs. Tenut kont dan kollu, t-tieni imputazzjoni tirrizulta ppruvata skond il-ligi.

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni u cioe' l-addebitu tar-recidiva jinghad li ghalkemm gew ipprezentati numru ta' sentenzi, ma tressqitx il-prova ta' meta l-pieni inflitti gew effettivament skontati. Fin-nuqqas ta' din il-prova din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentament ippruvata.

Ai fini ta' piena din il-Qorti ser tqis in-natura tal-imputazzjonijiet li taghhom l-imputat ser jinsab hati inkluz il-kwalita' u l-kwantita' tad-droga. Ser tqis ukoll il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li huwa gie kellu kundanni ta' natura serja. Ser tqis ukoll il-fatt li l-imputat ipprova jdahhal droga perikoluza gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin lill-membru tal-familja tieghu u dan f'post intiz ghar-rijabilitazzjoni tal-istess persuna u diversi persuni ohra. Ghaldaqstant il-Qorti ser tapplika d-disposizzjoni tal-artikolu 33A tal-Kodici Kriminali.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 7 tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 33A tal-Kodici Kriminali, qed issib lill-qua imputat, Ali

Mohammed Hassan hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu filwaqt li qed tilliberah mit-tielet imputazzjoni. Konsegwentament qed tikkundanah ghall piena ta' prigunerija effettiva ghall-perjodu ta' disa' xhur.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti qed tordna lill-hati Ali Mohammed Hassan ihallas l-ispejjez (Eur. 187.72) li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Fl-ahhar net, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia
**Deputat Registratur.**